Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 182 :: LULJU 2011

**Editur: Paul Vella**

## TIBDIL FIL-LAQGĦAT TAL-MEMBRI TA' KULL XAHAR

Fil-laqgħa tax-xahar ta' Mejju l-membri ġew mistoqsija jekk jaqblux li l-laqgħat tal-Grupp Letteratura Maltija matul ix-xhur tax-xitwa, flok isiru bħas-soltu fl-aħħar Ġimgħa tax-xahar fiċ-Ċentru Malti fis-7.30 pm, dawn jibdew jinżammu fl-aħħar Ħadd tax-xahar fis-2 ta' waranofsinhar fl-istess post, jiġifieri fiċ-Ċentru ta' Parkville. Dan sar wara li xi membri tagħna wrew ix-xewqa tagħhom li nibdew nagħmlu dawn il-laqħat waranofsinhar, forsi l-Ħadd, minħabba li ħafna minnha deħlin fl-eta` u qegħdin isibuha bi tqila li jsuqu fid-dlam u forsi anki fil-maltemp u anki fil-ksieħ. Milli jidher il-maġġoranza tal-membri qablu ma' dan u issa l-laqgħat se jibdew isiru l-aħħar Ħadd tax-xahar, sakemm jidħol is-sajf fejn il-kumitat jerġa' jressaq biex jara jekk il-membri jippreferux li l-laqghat jibqgħu hekk jew jinbidlu għal kif kienu qabel. Il-laqgħa li tmiss se tkun **il-Ħadd, 31 ta' Lulju** b'qari fuq L-Isqof Joseph Grech (RIP).

**Il-Grupp Letteratura Maltiija Ink. (The Maltese Literature Group Inc.)**

*sejrin jippreżentaw*

# PROGRAMM ta' Qari (Proża u Poeżiji)

*fuq il-maħbub, mibki, imma qatt minsi*

## l-Isqof Joseph Grech



Dan se jinżamm **fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville**

**il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2011, fis-2 pm**

Il-Membri ta' Grupp mistiedna li jieħdu sehem bil-qari tagħhom.
Il-Membri tal-Komunita` Maltija mitluba li tattendi
Wara jkun hemm xi rinfreskanti

**DHUL B'XEJN**

## IL-LAQGĦA TA' ĠUNJU.... *"The Last Days"*

Il-laqgħa ta' kull xahar tal-Grupp Letteratura Maltija, fix-xahar ta' Ġunju kienet xi ftit differenti minn tas-soltu. Rosemary Attard, li hija wkoll id-Direttur tad-Dipartment tal-Welfare tal-MCCV, ħadet l-inizjattiva biex nuru d-DVD tad-dramm miktub mill-membru tagħna, Manuel Casha, *"The Last Days"* biex jinġabru fondi għad-Dipartment tal-Welfare tal-MCCV. Dan inżamm il-Hadd 26 ta' Ġunju fis-2 pm fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Il-programm beda billi s-Sur Mel Debono, direttur ta' dan id-dramm, li kien qed jirrappreżenta lill-awtur, Manuel Casha, li ma setax jattendi minħabba mpenji oħra fl-istess jum, wera DVD qasir b'messaġġ mill-awtur fejn introduċa dan id-dramm. Madwar 40 persuna attendew u dawn dehru li verament apprezzaw l-istorja u l-kapacita` tal-atturi. B'wisq izjed min hekk l-udjenza stagħġbet mit-'tmiem' li ma kinetx qed tistenna. Fl-intervall tal-'wirja' u wara li spiċċat ġew servuti rinfreskanti fejn kulħadd ħa l-opportunita` biex jitkellem u jikkummenta dwar id-dramm The Last Days li kienu għadhom kif raw. Grazzi lill-membri tal-GLM li sabu l-ħin biex jattendu għall-wirja ta' dan id-dramm. Grazzi speċjali lil Manuel Casha u lil Mel Debono tal-permess biex inkunu nistgħu nuru din id-DVD u l-offerta tagħhom biex isiru kopji u jinbiegħu bil-qliegħ kollu minn dan il-bejgħ imur għad-Dipartment tal-Welfare tal-Kunsill Malti tal-Victoria.

# IL-PRESIDENT, DR VICTOR SAMMUT, F'INTERVISTI F'MALTA



**Ritratt: Mix-xellug għal-lemin: Mario Attard, Dr Victor Sammut u Patrick Sammut**

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju, Dr Victor Sammut, President tal-Grupp Letteratura Maltija Ink. (tal-Victoria, Awstralja), kien il-mistieden ta' Mario Attard fuq l-istazzjon tal-Kulleġġ De La Salle, fil-Kottonera, ir-Radju Lasalle. Dak inhar huwa kien intervistat mill-istess Mario Attard fi programm letterarju li ħa iżjed minn nofs siegħa. Din l-intervista kienet possibli wara li s-Sur Patrick Sammut għarraf lil Mario Attard biż-żjara li kien qiegħed jagħmel Dr Sammut flimkien mas-Sinjura tiegħu u hekk kienet iffissata d-data msemmija.

Fl-intervista Mario Attard staqsa lil Dr Sammut fuq l-Għaqda li tagħha huwa l-President flimkien mal-attivitajiet li ttellgħa. Kienu diskuss ukoll l-irwol tal-Malti fost il-komunita` Maltija-Awstraljana u Dr Sammut intalab jagħti l-fehma tiegħu dwar il-Malti u l-Maltin ġewwa pajjiżhom u ta wkoll il-messaġġ lill-Maltin ġewwa pajjiżhom stess sabiex jifhmu u japprezzaw kif ukoll jgħożżu lill-ilsien Malti flimkien mal-patrimonju tagħhom għaliex għad baqa' sewwa xi jsir biex tintlaħaq il-maturita` sħiħa f'dan il-qasam.

Il-President tal-Maltese Literature Group Inc. qara poeżiji tiegħu bil-Malti, fosthom waħda partikulari għal ommu Francesca li ġabitlu nostalġija u qara wkoll proża fuq l-istaġuni u t-tgemgim li jġibu magħhom.

Fil-Kulleġġ De La Salle li huwa mmexxi mill-Brothers tal-Freres, kemm Dr Sammut kif ukoll is-Sinjura tiegħu kellhom ħin liberu fejn fost oħrajn il-President iltaqa' ma' ex-studenta tiegħu u ħabiba ta' martu, Ms Laura Schembri, li hija waħda mill-għalliema veterani tas-Sixth Form ta' De La Salle flimkien ma' Mario Attard.

Ta' min ifakkar li l-programmi li jixxandru fuq ir-Radju Lasalle jistgħu jinstemgħu fil-kumdita` tas-semmiegħa minn fuq l-internet.



Sergio Grech

## <u>*Żewġ intervisti oħra... jikteb minn Malta Sergio Grech*</u> Żewġ Laqgħat li se nibqa' Ngħożż

Xi ħaġa li dejjem tajtha importanza f'ħajti hu x-xandir. Filfatt jien grat lejn Radju Malta u Campus FM, li emmnu fija, u emmnu li nista' nagħti kontribut umli imma ta' ċertu livell li jista' jiġi mxandar u maqsum mas-semmiegħa.

Għalija x-xandir hu mezz ċelebrattiv. Il-programmi li jien dejjem ħdimt fuqhom sa mill-1996 kienu dejjem programmi kulturali fejn juru s-sabiħ ta' dan in-nazzjon.

Fil-programmi tiegħi jien dejjem iċċelebrajt ħiliet il-Maltin. Kont bdejt bil-programm Mill-Ġnejna Maltija; programm letterarju li għamiltu għal seba' snin għall-Għaqda Letterarja Maltija. Kien programm li għamiltu b'mod volontarju. Lili jekk xejn servieni biex nittempra ruħi bħala xandar.

Maż-żmien imxejt iktar u l-PBS kienu talbuni biex nagħmel Wirtna li issa ilu għaddej għal numru ta' snin. Wirtna jilqa' fih diversi personalitajiet u magħhom nitkellmu dwar kotba, riċerka ġdida dwar Malta, aspetti folkloristiċi u studji Maltin.

Kien ta' privileġġ għalija li matul Ġunju kelli l-opportunità li nippreżenta lis-semmiegħa tiegħi żewġ kittieba li huma attivi fl-Awstralja. Dawn huma Lou Drofenik u Victor Sammut. Huma żewġ awturi differenti għal kollox minn xulxin imma għandhom interessi komuni: l-avvanz tal-ilsien u l-letteratura tagħna.

Lil Lou ilni nsegwiha u tista' tgħid li puntwalment naqra r-rumanzi tagħha. Victor skoprejtu permezz tal-programm u ħadt gost insegwi l-imħabba sinċiera lejn artu. Minn hawn irrid nirringrazzjah ukoll għat-tmexxija għaqlija tiegħu tal-Grupp Letterarju Malti biex l-imħabba lejn il-Malti tinżamm. Filfatt, napprezza l-ħidma li ssir u jalla iktar Maltin jappoġġjaw lil dan il-Grupp.

## TAQBIDA MODERNA

Fil-qagħda tagħha fil-Mediterran
kull ġens xtaq jaħkem lil Malta u 'l uliedha
biex ħafif jikseb ir-rebħ fuq ta'madwarha.
Iddefenduha u sofrew bil-bosta wlied il-Gżira.
Ħarġu rebbieħa tul l-istorja.

Għal darb' oħra tfaċċa
għadu modern, tal-biża',
imm' issa jgħinuh xi wħud Maltin, għedewwa ta' ġewwa,
u b'wiċċhom moħbi, jħalluh juża 'l Malta,
f'nofs il-Mediterran kif qiegħda
biex minnha jbigħu il-mewt tad-droga bla tbatija.
Iddgħajfu xi wlied Malta twajba,
u nxtraw bit-tleqqija ta' tletin munita.
Artna qawwija, tniġġset bil-marda dinjija
li tgħawwar u toqtol lil kull fjakk li jmissha.

***Josephine Cassar***

VICTORIAN
multicultural
commission

*Proudly supported by the Victorian Multicultural Commission*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**